

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tad-9 ta' Lulju 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Juzgado de lo Mercantil n° 9 de Barcelona – Spanja) – SL vs Vueling Airlines SA**

(Kawża C-86/19) <sup>(1)</sup>

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Trasport bl-ajru – Konvenzjoni ta' Montreal – Artikolu 17(2) – Responsabbiltà tat-trasportaturi bl-ajru fil-qasam tal-bagalji rreġistrati – Telf stabbilit ta' bagalja rreġistrata – Dritt għal kumpens – Artikolu 22(2) – Limiti ta' responsabbiltà fil-każ tad-distruzzjoni, tat-telf, tad-dannu jew tad-dewmien tal-bagalji – Assenza ta' informazzjoni dwar il-bagalja mitlufa – Oneru tal-prova – Awtonomija proċedurali tal-Istati Membri – Prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività)*

(2020/C 287/10)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Qorti tar-rinviju**

Juzgado de lo Mercantil n° 9 de Barcelona

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: SL

Konvenuta: Vueling Airlines SA

**Dispożittiv**

- 1) L-Artikolu 17(2) tal-Konvenzjoni għall-Unifikazzjoni ta' Ċerti Regoli għat-Trasport Internazzjonali bl-Ajru konkluda f'Montreal fit-28 ta' Mejju 1999, iffirmata mill-Komunità Ewropea fid-9 ta' Diċembru 1999, u approvata għan-nom tagħha permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/539/KE tal-5 ta' April 2001, moqrija flimkien mal-Artikolu 22(2) ta' din il-konvenzjoni, għandu jiġi interpretat fis-sens li s-somma li hija prevista minn din l-aħħar dispożizzjoni abbażi tal-limitu tar-responsabbiltà tat-trasportatur bl-ajru, f'każ ta' distruzzjoni, ta' telf, ta' dannu jew ta' dewmien tal-bagalja rreġistrata li ma tkunx is-suġġett ta' dikjarazzjoni speċjali ta' interess mal-kunsinna, tikkostitwixxi massimu ta' kumpens li l-passiġġier ikkonċernat ma jibbenefikax minnu ipso iure u f'somma fissa. Konsegwentement, hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddetermina, f'dan il-limitu, l-ammont ta' kumpens dovut lil dan fid-dawl taċ-ċirkustanzi inkwistjoni.
- 2) L-Artikolu 17(2) tal-Konvenzjoni ta' Montreal, moqri flimkien mal-Artikolu 22(2) ta' din, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-ammont tal-kumpens dovut lil passiġġier, li l-bagalja rreġistrata tiegħu li ma tkunx is-suġġett ta' dikjarazzjoni speċjali ta' interess mal-kunsinna tkun għet distrutta, mitlufa jew sofriet dannu jew dewmien għandu jiġi ddeterminat mill-qorti nazzjonali skont ir-regoli ta' dritt nazzjonali applikabbli, b'mod partikolari fil-qasam tal-prova. Dawn ir-regoli ma għandhomx, madankollu, jkunu inqas favorevoli minn dawk li jikkonċernaw ir-rikorsi simili ta' dritt intern, u lanqas applikati b'mod li jkun kważi impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mill-Konvenzjoni ta' Montreal.

<sup>(1)</sup> ĠU C 164, 13.5.2019

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tad-9 ta' Lulju 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Hoge Raad der Nederlanden – il-Pajjiżi l-Baxxi) – Donex Shipping and Forwarding BV vs Staatssecretaris van Financiën**

(Kawża C-104/19) <sup>(1)</sup>

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika kummerċjali komuni – Dumping – Dritt antidumping impost fuq l-importazzjonijiet ta' qfieli tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina – Regolament (KE) Nru 91/2009 – Validità – Regolament (KE) Nru 384/96 – Artikolu 2(10) u (11) – Drittijiet tad-difiża)*

(2020/C 287/11)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

**Qorti tar-rinviju**

Hoge Raad der Nederlanden